# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 358/17/2 RM**

**Wara l-atti tar-Rikors Nru 149/11 fl-ismijiet:-**

**Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2014 stante l-mewt ta' Pietro Blasina fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz ghal fuq l-isem uliedu Sara Blasina u Mirta Blasina**

**Vs**

**Xini Holdings Limited (C 38234) kif ukoll Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina ghal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 l-Avukat Dr. Noel Cutajar u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia gew nominati bhala kuraturi in rapprezentanza tas-socjeta' Xini Buildings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Sara Blasina f'isimha proprio u bhala mandatarja ta' ohtha residenti l-Italja Mirta Blasina, ipprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Awwissu 2017 fejn ippremettew:

1. *Illi permezz ta' sentenza tal-25 ta' Novembru 2016, l-esponenti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez tal-proceduri fl-ismijiet premessi sussegwentement, huma gew interpellati sabiex ihallsu lill-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Noel Cutajar u l-P.L. Nadine Farrugia s-somma ta' €7, 235.39 flimkien mal-VAT relattiv;*

2. *Illi l-avukat sottoskritt gie mitlub mill-esponenti sabiex jivverifika l-ammont in kwistjoni, u rrizulta li, ghalkemm dan jirrispekkja l-ammont intaxxat mir-Registratur, tali taxxa nhadmet fuq bazi ta' zball, li bi zvista ma giex ikkorregut;*

3. *Illi bazikament, meta l-avukat sottoskritt talab spjegazzjoni dwar kif gew intaxxati id-drittijiet ta' l-avukati u tal-prokuraturi legali fit-taxxa msemmija, in relazzjoni mal-proceduri ta' l-appell fl-ismijiet premessi, huwa gie nfurmat illi t-taxxa ta' l-appell tinhadem awtomatikament fuq it-taxxa tad-drittijiet tal-Prim' Awla; meta talab spjegazzjoni dwar dik l-ewwel taxxa minghand id-deputat registratur li hadmitha, hija nfurmatu li fil-bidu li hija kienet giet assenjata sabiex tahdem taxxi relattivi ghal talbiet ghal likwidazzjoni ta' kumpanija, hija kienet assumiet li kellhom jinhadmu ad valorem u kienet tibbaza ruhha fuq il valuri ta' l-assi tal-kumpanija li jirrizultaw mill-atti (f'dan il-kaz dar f'Marsaxlokk); sussegwentement, ir-Registratur kien ha pariri legali li tali taxxi m'ghandhomx jinhadmu ad volorem, u ta' direttiva sabiex minn dak iz-zmien 'l hawn it-talbiet kollha ghall-likwidazzjoni ta' kumpaniji jigu ntaxxati bhala punt ta' dritt.*

4. *Illi l-avukat sottoskrit informa b'dan kollu lill-kuraturi deputati, izda ma ntlahaqx ftehim; l-esponenti tissottometti umilment illi d-decizjoni sussegwenti tar-Registratur hija korretta, u li ghaldaqstant it-taxxa in kwistjoni hija inkorretta u ghandha tinhadem mill-gdid bl-istess mod-kif qed jinhadmu llum it-taxxi kollha relattivi ghal rikorsi simili;*

*Ghaldaqstant l-esponent titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza u tordna lir-registratur (Qrati u Tribunali Civili) sabiex jirrevedi d-drittijiet tal-kuraturi deputati kif intaxxati in konnessjoni ma' l-appell fl-ismijiet premessi, flimkien ma' kull direzzjoni li joghgobha taghtih.*

Rat ir-Risposta pprezentata mill-Kuraturi Deputati Dr. Noel Cutajar u l-P.L. Nadine Farrugia li gew nominati bhala kuraturi in rapprezentanza tas-socjeta' Xini Holdings Limited, fejn gie eccepit:

1. *Illi, preliminarjament, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet segwenti, it-talbiet attrici huma ormai preskritti stante li l-perjodu stabbilit mill-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wiehed jattakka t-taxxa skada qabel ma giet attwalment intavolata l-azzjoni de quo. Konsegwentement tali talbiet huma preskritti;*

2. *Illi dan qieghed jinghad ghax l-artikolu 64 huwa car u ma jaghti ebda lok ghall-interpretazzjoni fis-sens li tali azzjoni ta' ritassa ghandha tinbena fi zmien xahar. Tali xahar jibda jiddekorri, b'mod perentorju, mid-data li fiha tkun inharget it-taxxa fir-rigward ta' min ikun talab il-hrug tal-imsemmija taxxa;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti kien ilu jaf minn Marzu 2017 b'tali taxxa kemm permezz ta' email kif ukoll b'ittra legali ghal tali hlas hekk kif jidher bid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u B. Tant illi l-esponenti hassew ukoll li jaghmlu uzu b'dak li taghti l-Ligi halli jigu notifikati l-partijiet b'mezzi ohrajn apparti dak li diga msemmi.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni odjerna hija monka u nulla stante ghal fatt li din it-talba kellha ssir kontra d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali u mhux kontra l-kuraturi u ohrajn. Dan jidher car mill-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kwalunkwe spejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur u mhux mill-konvenuti f'kawza;*

5. *Illi l-eccipjenti kuraturi mhumiex il-legittimi kontradditturi ghal-lanjanzi attrici li gew traxxinati f'dawn il-proceduri inutilment. Il-kuraturi dahlu fil-kawza fi stadju tal-Qorti tal-Appell ghas-socjeta' Xini Holdings fuq l-istess talba tar-rikorrenti u ma kellhom ebda involviment dwar hrug ta' taxxa.*

6. *Illi maghdud ma' dak li ntqal hawn fuq l-azzjoni msejsa fuq l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda ta' stharrig gudizzjarju fejn il-Qorti tgharbel il-kriterji mhaddma mir-Registratur u tqishom fid-dawl tal-Ligi. U ghalhekk tali stharrig m' ghandhiex tkun il-Qorti tal-Appell li taghmlu f'dan l-istadju izda Qorti ohra li tisma' l-fatti tal-kaz.*

7. *Illi ghalhekk fuq dak li ntqal fl-eccezzjoni precedenti hawn fuq, tali talba maghmula mir-rikorrent ghandha tigi meqjusa nulla stante ghal fatt li hija ndirizzata lil Qorti tal-Appell li kellha tkun Qorti tal-Prim Istanza li tisma' tali lanjanzi tal-attur ghal azzjoni minn tali decizjoni li tkun il-Qorti tal-Appell li tisma' l-kaz;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, dawk segwenti u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, hu obbligu tal-atturi, ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12 li jressaq provi tajbin, sufficjenti u rilevanti in sostenn tal-allegazzjonijiet minnu mressqa;*

9. *Illi fuq il-mertu l-esponenti jilqghu ghat-talbiet attrici billi jghid li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ghas-segwenti ragunijiet;*

10. *Illi l-esponenti qatt ma talbu klarifika izda il-hlas taghhom ghal dak li huwa dovut. Li fi kwalunkwe kaz, l-esponenti dejjem talbu lir-rikorrenti li jekk kif qieghed jghid li kien l-istess Registratur li ha zball allura se mai kellu jkun id-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunal li jikteb formalment u jispjega dawn il-fatti ta' dak allegat zball u mhux l-avukat tal-kontro parti. Illi f'ebda stadju ma kien hemm komunikazzjoni ta' dan it-tip fuq xi zball;*

11. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta inhadmet b'mod korrett u l-kaz gie korrettament evalwat abbazi tal-massa litigjuza formanti parti tal-kawza li dwarha finalment harget it-taxxa;*

12. *Illi hija wkoll fatt relevanti li l-istess talba tar-rikorrent hija biss limitata ghad-drittijiet tal-kuraturi u mhux tieghu jew ta' haddiehor. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghas-suespost tali talba ghal revizjoni m'ghandhiex tkun limitata biss ghal kuraturi izda ghal hrug ta' tali taxxa in toto hekk kif jitlob l-artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk tali talba mir-rikorrent ghal revizjoni biss tal-hlas ghal kuraturi deputati ghandha tigi michuda u se mai revizjoni ghandha tkun wahda globali u mhux limitata ghal dak li jaqbel lir-rikorrent;*

13. *Illi finalment l-esponenti jopponu ghal kwalunkwe spejjez tal-proceduri odjerni, li certament m'ghandhomx jigu akkollati lilhom, u dan anke fid-dawl tal-fatt, li t-taxxa ufficjali li qed tigi attakkata, inharget mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali.*

*14 . Salv, jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat illi d-Direttur Qrati Civili u Tribunali gie notifikat bir-Rikors promotorju bhala persuna li ghandu interess f'dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12;

Rat illi l-istess Direttur Qrati Civili u Tribunali pprezenta Risposta fit-2 ta' Ottubru 2018 u, safejn ghadhom relevanti, ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna ma gietx diretta kontra l-esponenti, izda l-esponenti gie notifikat bir-rikors odjern u bid-Digriet tal-Qorti u ghalhekk qed iressaq din ir-risposta;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla in kwantu ma gietx ipprezentata fil-Qorti kompetenti. Talba ghal ritassa ma tistax issir*

*quddiem il-Qorti tal-Appell ghalie altrimenti l-parti tigi mcahhda mid-dritt tad-doppio esame;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta m=nhadmet b'mod korrett skond il-prassi vigenti u skond il-ligi u ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk hemm lok ghal xi tibdil fit-taxxa l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ebda spejjez.*

Rat illi r-Rikors promotorju gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Appell izda in segwitu ghall-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2018, il-kawza giet mibghuta biex tigi mismugha minn din il-Qorti u b'hekk gew sorvolati s-sitt u s-seba' eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati u t-tieni eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet kif ukoll tal-avukat difensur tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti ewlenin li jirrizultaw mill-atti tal-kaz, hareg li fis-16 ta' Frar 2011 Pietro Basina fetah kawza kontra Xini Holdings Limited (Rikors Numru 149/11)[1] fejn, bhala proprjetarju ta' 50% tal-ishma tas-socjeta` intimata Xini Holdings Limited, talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tordna l-likwidazzjoni tal-istess socjeta` a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(i) u 214(2)(b)(iii) tal-Kapitolu 386, u taghti dawk id-direttivi li jidhrulha xierqa skont ic-cirkostanzi, inkluz li tidderigi jekk il-likwidazzjoni ghandhiex issir volontarjament jew taht l-awtorita` tal-Qorti u jekk ghandux jinhatar likwidatur.

Kif gie dikjarat fir-Rikors promotur ta' din il-kawza, it-talba ghal-likwidazzjoni tas-socjeta` Xini Holdings Limited giet fondata fuq il-premessa illi din is-socjeta` giet imwaqqfa bhala *holding company* bl-iskop ewlieni li tigi akkwistata d-dar matrimonjali tar-rikorrent u ta' martu Luisa Pedroni li hija l-benficcjarja tar-rimanenti ishma tas-socjeta` intimata permezz tal-kumpannija fiducjarja N Trust Limited. Ir-rikorrent qal illi issa, galadarba huwa u martu ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni personali u qablu illi l-fond matrimonjali ghandu jinbiegh, is-socjeta` intimata ma ghad fadalilha ebda skop u ghandha ghalhekk tigi likwidata sabiex b'hekk jista' jsir il-bejgh ta' dan l-uniku assi taghha.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza tat-12 ta' Marzu 2012, wara li kkonkludiet illi (i) it-talba tar-rikorrent skond l-Art. 214(2)(a)(i) tal-Kap. 386 ghandha tkun respinta, u (ii) fil-fehma taghha ma tirrizultax prova sal-grad rikjest mil-Ligi tal-istanza tar-rikorrent skond l-Artikolu 214(2)(iii) tal-Kap. 386, iddecidiet il-kawza billi "*filwaqt li qeghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*"

[1] Fl-ismijiet: **Pietro Blasina u b'digriet tal-10 ta' Gunju 2014 stante l-mewt ta' Pietro Blainsa fil-mori tal-kawza, l-gudizzju gie trasfuz ghal fuq isem uiedu Sara Blasina u Mirta Blasina vs Xini Holdings Limited (C 38234) kif ukoll Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016 l-Avukat Dr. Noel Cutajar u l-P.L. Nadine Farrugia gew nominati bhala kuraturi in rapprezentanza tas-socjeta` Xini Holdings Limited**.

Ir-rikorrent appella quddiem il-Qorti tal-Appell li, madanakollu, cahdet l-appell tieghu b'sentenza tal-25 ta' Novembru 2016, u ordnat ukoll li l-ispejjez ta' dik id-decizjoni, kemm fil-prim istanza kif ukoll fl-appell, kellhom jithallsu mill-istess rikorrent. Tajjeb li jigi osservat li l-hatra tal-Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Xini Holdings Limited, saret fl-istadju tal-appell appuntu mill-Qorti tal-Appell b'digriet tal-4 ta' Mejju 2016.

Inharget taxxa ta' spejjez u drittijiet gudizzjarji[2], u r-Registratur tal-Qorti intaxxa s-sentenza billi hareg dritt ghall-prim istanza fis-somma ta' €3,475.43 tar-Registru, €4,041.46 tal-Avukat u €1,347.15 tal-Prokuratur Legali, bl-istess zewg drittijiet tal-ahhar jidhru wkoll fil-kolonna intestata "kuraturi" bhala dritt dovut lill-Kuraturi deputati.

Ghall-Appell, ir-Registratur intaxxa s-sentenza billi intaxxa u hareg dritt fis-somma ta' €6,274 tar-Registru, €5,426.54 tal-Avukat u €1,808.85 tal-Prokuratur Legali, bl-istess zewg drittijiet tal-ahhar jidhru wkoll fil-kolonna intestata "kuraturi" bhala dritt dovut lill-Kuraturi deputati.

Ir-rikorrent gie msejjah ihallas id-drittijiet tal-Kuraturi deputati fis-somma totali ta' sebat elef mitejn u hamsa u tletin Euro u disgha u tletin centemzu (€7,235.39), eskluz taxxa fuq il-valur mizjud[3]. Ma giex imsejjah ihallas id-drittijiet tal-Kuraturi ghall-prim' istanza ghaliex, kif inghad, dawn gew mahturin fl-istadju tal-Appell mill-istess Qorti tal-Appell u din il-Qorti fehmet illi meta ir-Registratur intaxxa dritt dovut lill-Kuraturi Deputati ghall-prim'istanza, huwa evidenti illi dan huwa zball u dan id-dritt kellu jkun dovut taht il-kolonna "Konvenut".

Ikkunsidrat;

---

[2] Esebita mir-rikorrent mar-Rikors promotur, a fol. 228 u 229 tal-atti tal-istess Rikors quddiem il-Qorti tal-Appell

[3] Ara fol. 237 tal-atti.

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni odjerna mressqa mir-rikorrenti hija dik kontemplata fl-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan johrog kemm mill-fatt li l-att promotur huwa Rikors (li mhuwiex guramentat) u wkoll mill-premessi tal-istess u t-talba ghar-revizjoni ta' whud mid-drittijiet intaxxati.

**L-Ewwel Tliet Eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati**

L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Kuraturi Deputati, cioe` illi l-azzjoni odjerna giet intavolata wara l-gheluq tat-terminu preskritt mill-Artikolu 64, giet irtirata minnhom permezz ta' dikjarazzjoni registrata fil-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Novembru 2018. Il-Qorti tqis illi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-istess Kuraturi deputati huma msejsin instrinsikalment fuq l-ewwel eccezzjoni u huma parti integrali mill-istess eccezzjoni.

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi t-termini gudizzjarji, bhala parti mil-ligi procedurali, huma ta' ordni pubbliku u ta' stretta interpretazzjoni u bhala tali, in-non osservanza taghhom iwassal ghan-nullita` liema nullita` hija sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Ghalhekk, irrispettivament mill-fatt illi l-eccezzjoni dwar in-non osservanza tat-terminu preskritt mill-Artikolu 64(1) giet irtirata mill-eccipjent, f'dan il-kaz il-Kuratur Deputat, il-Qorti xorta wahda tqis illi din in-nullita` hija sollevabbli *ex officio* jekk jirrizulta mill-atti li l-azzjoni odjerna giet intavolata wara l-gheluq tat-terminu perentorju ta' tletin gurnata wara.

L-Artikolu 64 tal-Kap. 12 safejn huwa relevanti ghat-terminu ghat-tmexxija tal-azzjoni biex tigi attakkata taxxa, jipprovdi hekk:-

**64.** *(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni*

*għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u,* ***ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika****.*

Izda, fil-kaz odjern, mill-atti ma jirrizultax illi d-debitur, li f'dan il-kaz huwa r-rikorrenti bhala l-parti sokkombenti ghall-ispejjez gudizzjarji fil-proceduri li ghalihom inhareg it-taxxa impunjata kif ukoll bhala l-parti kontra min intalbet it-taxxa tal-ispejjez, gie notifikat bit-taxxa permezz ta'att gudizzarju. Lanqas tressqu xi provi biex juru illi effettivament gie pprezentat att gudizzjarju ghan-notifika tar-rikorrent bit-taxxa impunjata f'dawn il-proceduri. Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-Kuraturi Deputati fir-rigward hija bla siwi, izda billi giet irtirata, il-Qorti mhijiex sejra tqis l-eccezzjonijiet relattivament ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni proposta mir-rikorrent.

## It-Tnax-il Eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati

Il-Qorti tosserva illi, kif gie sewwa eccepit mill-Kuraturi deputati fir-Risposta taghhom[4], it-talba tar-rikorrent fir-Rikors promotur ghar-revizjoni tat-taxxa hija limitata ghad-drittijiet tal-kuraturi deputati kif intaxxati, u dan biss in konnessjoni mal-proceduri tal-Appell fir-Rikors Numru 147/2011.

Fil-fehma taghha, it-talba tar-rikorrent kif imfassla biex jigi attakkat id-dritt intaxxat favur il-Kuraturi deputati fl-istadju tal-Appell biss, m'hijiex tajba. Filwaqt illi, skont kif inhuwa assodat fil-ligi u fil-gurisprudenza, il-qorti hija marbuta li tiddeciedi biss skont il-parametri tal-azzjoni kif stabbiliti mit-talbiet fir-rikors promotorju u bl-eccezzjonijiet sollevati fir-risposta, u kull decizjoni illi tezawtora dawn il-parametri, titqies li hija *extra petita*, huwa wkoll ovvju illi d-drittijiet tal-Kuraturi deputati jigu intaxxati bl-applikazzjoni tal-istess principji li jirregolaw l-intaxxar tad-drittijiet tal-

[4] Paragrafu 12.

Avukat u tal-Prokuratur Legali. Konformement, jekk jirrizulta illi d-dritt tal-Kuraturi gie erronjament intaxxat *ad valorem,* hekk ukoll ikunu gew intaxxati erronjament id-drittijiet tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali fl-istadju ta' Appell. Barra minn hekk, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi meta tigi attakkata taxxa mahruga wara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, ma tistax ma tigix attakka wkoll it-taxxa gudizzjarja li fuqha evidentement tkun inbniet din it-tieni taxxa.

Ghaldaqstant, ghalkemm sa certu punt, it-tnax-il eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati jidher li hija fondata, il-Qorti xorta wahda sejra tistharreg il-meritu tad-domanda tar-rikorrent biex tqis jekk fis-sostanza taghha jisthoqq li tigi milqugha.

**Il-Legittimu Kontradittur u Konsiderazzjonijiet Ohrajn Relevanti**

Jekk wiehed jezamina sew l-atti tal-kawza, jinduna mill-ewwel li r-Rikors promotorju ma giex korrettement istitwit kontra r-Registratur tal-Qorti *qua* intimat. Ghandu jinghad illi r-Registratur bhala parti f'proceduri ta' ritassa huwa essenzjali mhux biss ghaliex it-taxxi tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji - inkluz ghalhekk it-taxxa impunjata - inhadmet u giet rilaxxata minnu, izda wkoll ghaliex jekk tintlaqa' t-talba ghal ritassa huwa l-istess Registratur illi ghandu jigi kkundannat jerga' jahdem it-taxxa skont kif deciz mill-qorti. Effettivament, huwa r-Registratur tal-Qorti l-uniku intimat li ghandu jigi citat *ad validitatem* f'proceduri ghal ritassa. Dan johrog car minn qari korrett tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 64 li jistipola illi l-ispejjez gudizzjarji jigu intaxxati mir-registratur u illi l-azzjoni biex jigu attakkati t-taxxi maghmulin minnu isir b'rikors, li ghandu jigi notifikat lil kull min ikollu interess fih.

Ir-Registratur ma huwiex u lanqas jista' jitqies li huwa biss persuna interessata fl-azzjoni bid-dritt li jigi notifikat bir-rikors. Is-semplici notifika tar-rikors promotorju lill-partijiet fil-kawza ma jfissirx illi dawn isiru parti fil-procedura jew illi jakkwistaw xi *locus standi*, ghaliex il-prezentata ta' risposta *ut sic* ma ghandhiex l-effett li taghti *locus standi* fil-gudizzju. Konformement, il-Qorti tqis illi l-fatt illi persuna li tkun

giet notifikata bil-proceduri ddahhal risposta formali bil-miktub, ma jistax jibdel il-pozizzjoni legali taghha fil-proceduri. Dan jista' jsir biss bis-sejha fil-kawza formali tal-persuna interessata.

Ghaldaqstant, ghalkemm ir-Rikors promotorju tal-azzjoni odjerna giet notifikata lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali, li huwa indikat mill-Artikolu 3(3) tal-Avviz Legali 139 tal-2004, li ghandu jwettaq id-dmirijiet tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u kif rajna, il-ligi stess fl-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tipprovdi li "*l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti* ...", il-Qorti xorta wahda tqis illi la n-notifika tar-Rikors promotorju lid-Direttur Qrati Civili u Tribunali u lanqas ir-Risposta li huwa dahhal fl-atti, ma jservu sabiex jaghtuh *locus standi* bhala parti f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, il-Qorti ma hijiex sejra tqis ir-Risposta tieghu.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Applikati l-konsiderazzjonijiet appena maghmula, u biex jigu trattati r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati, fil-fehma tal-Qorti ma kienx mehtieg b'mod assolut illi l-Kuraturi Deputati jigu citati f'dan il-gudizzju bhala intimati ghaliex ma kienu bl-ebda mod involuti fil-process ta' hdim u hrug tat-taxxa impunjata. Izda billi ghandhom interess evidenti fil-proceduri, il-Qorti tqis illi f'kull kaz il-Kuraturi deputati kellhom, *de minimis*, jigu notifikati bil-proceduri odjerni bhala parti interessata ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 *multo magis* meta jirrizulta illi dak li qed jigi specifikatament impunjat f'dawn il-proceduri huwa proprju d-dritt intaxxat favur l-istess Kuraturi Deputati. Barra dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-eccezzjoni tan-nullita` tal-azzjoni, kif sollevata mill-Kuraturi deputati, mhijiex siewja ghaliex l-azzjoni mhijiex nulla semplicement ghaliex setghet ma gietx proposta fil-konfront tal-legittimu kontradittur *par excellence*. Wara kollox, din in-nullita` lanqas ma hija kontemplata fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Kuraturi Deputati huma legittimi kontradditturi tat-talbiet tar-rikorrent u tichad ghalhekk ir-raba' u l-hames eccezzjoni taghhom.

Dejjem fl-istess vena, ghalkemm fl-okkju tar-rikors promotur hemm indikata bhala intimata Luisa Petroni sive Pedroni Blasina, il-Qorti tosserva illi hija ma gietx notifikata bir-rikors promotur, lanqas bhala persuna interessata. Madanakollu, dan in-nuqqas m'huwiex, fil-fehma tal-Qorti wiehed li jista' jimpingi b'xi mod fuq il-validita` tal-proceduri ghaliex kif gia` ntqal, it-talba fir-Rikors giet limitata <u>unikament</u> ghar-revizjoni tad-drittijiet intaxxati a favur tal-Kuraturi Deputati fi stadju tal-Appell, liema drittijiet gie kkundannat ihallashom *in toto* ir-rikorrent, li gie kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez tal-imsemmija Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina fl-istess proceduri.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi l-okkju tar-rikors promotur huwa riproduzzjoni tal-okkju tar-Rikors Numru 149/2011 li ghalihom inharget it-taxxa impunjata. Madanakollu, huwa risaput illi proceduri li jsiru taht l-Artikolu 64 tal-Kap 12 ma humiex parti minn u ma jsirux fl-atti tal-kawza li l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji taghha qed tigi impunjata, u jitqiesu bhala proceduri separati u awtonomi. Tant hu hekk illi gie anke ritenut li sabiex isiru proceduri taht l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 ghall-impunjazzjoni ta' taxxa li tkun inharget fuq kwistjoni li giet determinata, mhuwiex mehtieg lanqas li l-proceduri jkunu decizi fil-mertu[5].

## <u>Il-Meritu</u>

Fil-mertu, ir-rikorrent qed joggezzjona ghall-mod ta' kif it-taxxa giet ikkalkulata, u dan, skont kif gie premess fir-Rikors promotorju, ghaliex kawzi ghal-likwidazzjoni ta' kumpannija ma ghandhomx jigu intaxxati *ad valorem* abbazi tal-valur tal-assi tal-kumpannija determinabbli mill-atti, kif effettivament sar f'dan il-kaz. Skont ir-rikorrent id-drittijiet ghandhom jinhadmu fuq decizjoni ta' punt ta' dritt.

[5] Ara: **Catherine Galea vs Registratur tal-Qrati et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003.

It-taxxa impunjata giet esebita mir-rikorrent mar-Rikors promotorju *a fol.* 228 u 229 tal-process[6] bl-indikazzjoni li giet mahduma fil-25 ta' Jannar 2017.

Illi minn dak li hareg mill-atti ta' din il-kawza, jidher li n-natura nnifisha tal-azzjoni mibdija mir-rikorrent kontra Xini Holdings Limited u kontra Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7], kienet wahda li tqieset bhala ta' "*valur tat-talba li ma jkunx cert jew likwidu*"[8], u dan jidher rifless ukoll mill-fatt illi mal-ftuh tal-kawza ir-registratur talab dritt tar-registru fis-somma ta' €582.34.

Ikkunsidrat;

In materja ta' tassazzjoni ta' spejjez gudizzjarji, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Registratur tal-Qrati u Direttur Generali et** tat-12 ta' Gunju 2003, osservat hekk:-

*"Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa ghal zmien twil, it-tassazzjoni ad valorem hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet mabrutin ma' dan. Meta kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni generalment issir a bazi ta' dikjarazzjoni."* [9]

Izda dan mhuwiex principju assolut, ghaliex kif intqal mill-istess Qorti fis-sentenza citata *supra*:-

---

[6] Ir-rikors promotorju originarjament gie pprezentat fil-Qorti tal-Appell u l-atti gew mibghuta lil din il-Qorti permezz tal-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2018. It-taxxa impunjata hija l-istess wahda li tinsab annessa mal-parti ta' gewwa tal-folder tal-atti tar-Rikors Numru 149/2011 quddiem il-Qorti tal-Appell.

[7] Rikors Numru 149/2011.

[8] Tariffa A, regolament 4 tal-Kap. 12.

[9] Ara wkoll in propositu, sentenza tat-22 ta' Frar 1967 moghtija mill=Prim'Awla tal-Qorti CIvili fil-kawza fl-ismijiet **Av. Dr. Paolo Borg Grech et vs Av. Dr. Edgar Buhagiar noe et** (Kollez.Vol: LI.ii.811).

"*... t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni*"[10].

Fil-fatt, huwa pacifikatament ritenut illi ghall-fini ta' intaxxar ta' spejjez gudizzjarji, sabiex wiehed iqis jekk it-talba li tkun saret fil-kawza li dwarha trid tinhadem it-taxxa, twassalx ghal dan l-imsemmi passagg ta' flus jew fondi jew trasferiment ta' proprjeta` kif hawn fuq imfisser, b' *"talba"* wiehed ghandu jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Dan ifisser illi meta mill-hekk imsejha massa litigjuza, ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ghandha ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata.

Il-principju illi l-valur tal-process jista' jigi stabbilit mhux biss mill-att promotur tal-kawza imma minn kull taghrif jew prova li jinsab fl-atti, jinsab assodat minn dak li kkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frances sive Franca Camilleri vs Direttur Qrati, Tribunali ta' Malta noe et**,[11] fejn qalet hekk in propositu:-

*"Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata ad valorem jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi jew mill-proċess"*[12] *... Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti;"*

Effettivament, l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li saret referenza ghalih fis-sentenza appena citata, jiddisponi li:-

---

[10] P.A. 24.7.1946 fil-kawża fl-ismijiet Micallef et vs Micallef et (Kollez. Vol: XXXII.ii.424)

[11] Deciza 1 ta' Luljju 2013.

[12] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12

"*Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi* ***jew mill-proċess****, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.*" [enfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, b'applikazzjoni tal-insenjament fuq riportat, il-Qorti tqis illi l-massa litigjuza fl-azzjoni mibdija mir-rikorrent bir-Rikors Numru 149/2011, cioe` l-qofol tal-kwistjoni kien jirrigwarda passagg jew trasferiment ta' flus, fondi jew proprjeta jew jeddijiet marbutin mal-proprjeta`, u dan bit-talba ghal-likwidazzjoni tal-assi tal-kumpannija Xini Holdings Limited bejn il-partijiet. Effettivament, kien ir-rikorrent stess li fir-Rikors promotorju tal-kawza ghal-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited, fisser espressament illi l-kawza ghal-likwidazzjoni kellha ssir **proprju ghaliex ma ntlahaqx ftehim biex l-assi di proprjeta` tal-kumpannija, cioe` l-fond gia` matrimonjali tal-partijiet, jinbiegh u jigi likwidat pacifikament bejniethom. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-mira ahharija tal-azzjoni tar-rikorrent ghal-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited kienet proprju l-likwidazzjoni tal-proprjeta` tal-kumpannija anke jekk mehtieg, b'likwidazzjoni li ssir taht l-awtorita` tal-Qorti hekk kif giet effettivament mitluba fir-Rikors promotorju Numru 147/2011**. Maghdud dan, ir-rikorrent talab illi l-Qorti tiddeciedi wkoll jekk ghandux jinhatar likwidatur ossia stralcarju fil-process tal-likwidazzjoni jekk din tigi talvolta ordnata mill-qorti.

Mill-mod kif giet imfassla t-talba tar-rikorrent fir-Rikors Numru 149/2011, huwa evidenti illi r-rikorrent assoggetta ruhu ghal kull konsegwenza u effett ta' decizjoni eventwali tal-qorti ghall-istralc tal-kumpannija, inkluz, u dan b'mod specifiku, il-hatra ta' stralcarju biex jiehu hsieb il-likwidazzjoni tal-assi tal-kumpannija. Fi kliem iehor, kieku t-talba tar-rikorrent ghal-likwidazzjoni tal-kumpannija ntlaqghet u l-Qorti hatret likwidatur ossia stralcarju, kif effettivament giet mitluba li taghmel jekk mehtieg, dan

l-istess stralcarju kellu eventwalment jillikwida u jqassam l-assi tal-kumpannija bejn il-kontributorji tal-kumpannija.

Il-Kapitolu 386 huwa inekwivoku dwar dawk li huma l-mansjonijiet tal-istralcarju mahtur mill-Qorti: fl-Artikolu 244 jinsab imfisser illi l-qofol tal-inkarigu ta' l-istralcarju jikkonsisti proprju fl-ammistrazzjoni u r-rejalizzazzjoni tal-assi tal-kumpannija inkluz id-distribuzzjoni u t-tqassim tal-assi tal-kumpanniji bejn il-kredituri u l-eventwali aggustament tal-jeddijiet tal-kontributorji tal-kumpannija.

Il-Qorti tqis ukoll illi d-distinsjoni li ghamel id-difensur tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni, bejn talba ghax-xoljiment ta' kumpannija u talba ghal stralc ta' kumpannija ghall-finijiet ta' tassazzjoni tal-kawza, ma hijiex relevanti. L-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386, li gie invokat specifikatament mir-rikorrent bhala l-fondament tat-talba tieghu ghal-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited, jipprovdi espressament illi meta kumpannija tigi xolta bil-qorti ghaliex ikunu jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment, ghandha ssir l-istralc tal-kumpannija. Ghalkemm id-dikjarazzjoni tax-xoljiment u l-konsegwenti stralc huma processi separati minn xulxin, huma entrambe konsegwenza inevitabbli ta' ezitu pozittiv tat-talba maghmula mir-rikorrent fir-Rikors promotorju tieghu.

Huwa wkoll immaterjali ghall-fini ta' tassazzjoni, jekk il-Qorti finalment tilqax jew le it-talbiet, ghax it-taxxa trid xorta wahda tohrog fuq il-valur, determinat jew determinabbli, in kontestazzjoni, u l-valur ta' kawza jitqies dejjem fuq it-talbiet:-

*"Id-dritt intaxxat, kemm dak dovut lir-Registru kif ukoll dak dovut lill-Avukati tal-partijiet, ikun l-istess ikun x'ikun l-ezitu ahhari tal-kawza, pero', it-taxxa hija differenti jekk tinghata sentenza preliminari a differenza ta' sentenza definittiva.* ***Jekk il-qorti, b'sentenza li taghti, twaqqaf il-meritu, allura t-taxxa trid tiehu in konsiderazzjoni l-meritu kollu tal-kawza, ghax b'dik is-sentenza il-kawza nnifisha***

***tkun giet terminata u allura r-Registratur ikun irid johrog taxxa li tolqot it-talbiet kollha ta' dik il-kawza.***"[13] [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Jigi osservat ukoll illi il-kuntrast bejn il-partijiet fl-azzjoni mibdija bir-Rikors Numru 149/2011, kif ukoll il-punt li gie definittivament deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-25 ta' Novembru 2016, bl-ebda mod ma kien limitat ghal xi dikjarazzjoni dwar kwistjoni preliminari jew dwar punt ta' dritt li ma kienx jehtieg ezami tal-meritu, **izda kienu jirrigwardaw il-meritu shih tal-azzjoni ghall-istralc tal-kumpannija Xini Holdings Limited**. Minn dan isegwi wkoll illi l-fatt li kawza tittratta punt ta' dritt jew punt ta' ligi, ma jfissirx illi awtomatikament il-kawza ghandha tigi ntaxxata skond ir-regolament 15(a) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.

Konsegwentement, din il-Qorti tqis illi meta l-Qorti tal-Appell laqghet l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti in meritu tal-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-kumpannija, hija waqfet il-perkors tal-kawza u s-sentenza ghaddiet in gudikat u ghalhekk ir-Registratur kien intitolat johrog taxxa ibbazata fuq il-meritu kollu tal-kawza cioe` l-likwidazzjoni tal-kumpannija Xini Holdings Limited b'dak kollu li ggib maghha u li gie, wara kollox, mitlub mir-rikorrent.

Huwa evidenti illi fil-kaz odjern, il-kontestazzjoni kienet tirrigwarda wkoll il-valur tal-fond residenzjali tal-partijiet: dan jirrizulta manifest mir-Rikors promotorju (Rikors Numru 149/11) nnifsu meta r-rikorrent ippremetta li martu Luisa Pedroni ma kienetx qieghda taqbel mal-prezz tal-bejgh tal-fond biex dan jista' jinbiegh bonarjament, u riedet li dan jinbiegh ghal valur ferm oghla. Kif ritenut in propositu:-

*"Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioe` ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett*

[13] **Catherine Galea vs Registratur tal-Qrati**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili gfit-3 ta' Lulju 2003.

*taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; ...*"[14]

Ikkunsidrat finalment;

Illi meta wiehed iqis il-principji hawn fuq imfissrin u japplikahom ghall-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, jirrizulta illi l-ilment tar-rikorrent dwar it-taxxa tad-drittijiet gudizzjarji tal-Kuraturi Deputati, u kwindi wkoll tad-drittijiet ohrajn intaxxati, m'huwiex misthoqq. Il-Qorti hija tal-fehma li r-Registratur kien intitolat li jahdem it-taxxa *ad valorem,* ghaliex kif inghad, il-vertenza ezaminata fis-sentenza tal-Prim'Awla tat-12 ta' Marzu 2012 kienet effettivament tirrigwarda jekk kienx hemm lok ghal-likwidazzjoni ta' gid immobbli permezz tax-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija Xini Holdings Limited, liema kunsiderazzjoni hija wahda li inevitabbilment iggib maghha qies jew valur. Barra minn hemm, fl-istadju tal-appell il-qofol tal-kontenzjoni ma nbidel xejn minn dak li kien il-punt ewlieni dibattut mill-Qorti tal-prim'istanza.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-**

1. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati;**

[14] **Leslie Grech noe vs Frank Abela et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-25 ta' Jannar 2002.

2. **Tiddikjara illi l-Kuraturi Deputati huma legittimi kontraditturi tat-talba tar-rikorrent u konsegwentement tichad ir-raba' u l-hames eccezzjoni taghhom;**

3. **Tilqa' t-tnax-il eccezzjoni tal-Kuraturi Deputati, kif ukoll id-disa' u l-hdax-il eccezzjoni tal-istess Kuraturi Deputati; u**

4. **Tichad it-talba tar-rikorrent hekk kif dedotta fir-Rikors promotur u tichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess Kuraturi Deputati safejn mhux kompatibbli ma' dak li qed jigi hawn deciz.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**